MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 259/1998/1

**Peter Paul u Lucy konjugi Falzon**

**v.**

**Mary Rose mart John Vella, Carmena mart Rocco Zahra, Joseph Vella, Michael Vella kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu imsefrin Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo u b'nota tad-9 ta' Frar 2007 Carmena mart Rocco Zahra assumiet l-atti bhala prokuratrici ta' l-imsiefra konvenuta appellanti Rita mart Joseph Bartolo u b'digriet tal-25 ta' April 2008 stante l-mewt ta' Mary Rose Vella fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie**

**trasfuz f'isem Peter Paul, Anthony u Charlene xebba Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' hutha l-imsefrin Mary Jane mart Sam Sciberras, Jennifer mart George Attard u Alison xebba Vella; ilkoll ahwa Vella u b'nota tas-16 ta' Frar 2009 Karmena Zahra assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenut Angelo Vella**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti (1) Peter Paul, Anthony u Charlene, xebba Vella, f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' hutha l-imsefrin Mary Jane mart Sam Sciberras, Jennifer mart George Attard u Alison xebba Vella, ilkoll ahwa Vella, (2) ta' Carmena mart Rocco Zahra, (3) ta' Joseph Vella (4) ta' Angelo Vella (Karmena Zahra (I.D. 12748G) assumiet l-atti f'ismu), u (5) ta' Rita mart Joseph Bartolo (Carmena mart Rocco Zahra assumiet l-atti f'isimha) minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-14 ta' Dicembru 2005 u li fiha gie ritenut u deciz hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li taqra:

"Illi Maria Vella armla ta' Peter Vella bint il-mejtin Mikieli Buttigieg u Tereza nee` Mifsud mietet intestata fit-23 ta' Jannar 1997 u ghalhekk l-eredi taghha huma t-tmien uliedha u cioe` Michael, Mary Rose mart John Vella, Carmen mart Rocco Zahra, Lucy mart Peter Paul Falzon, Joseph, Angelo, Emmanuel u Rita mart Joseph Bartolo;

"Illi l-atturi Peter Paul u Lucy konjugi Falzon irrendew servigi, kuri u assistenzi lill-istess Maria Vella u cioe` lil omm l-attrici Lucy Falzon u l-konvenuti kollha;

"Illi l-imsemmija servigi, kuri u assistenzi gew rezi matul l-ahhar tliet snin u nofs ta' hajjet Maria Vella li ghexet fid-dar ta' l-atturi, li min-naha taghhom oltre li pprovdewlha l-post fejn tghix kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha li din kellha;

“Illi sabiex jipprestaw dawn is-servigi l-atturi kellhom jidhlu f’hafna skomdu, strapazz u sagrificcju kemm ghalihom personali kif ukoll ghall-membri tal-familja taghhom;

“Illi dawn is-servigi, kuri u assistenzi huma ta’ entita` u ta’ natura tali illi ghandhom jigu retribwiti;

“Illi l-atturi baqghu  qatt ma kienu kumpensati ghal dawn is-servigi, kuri u assistenzi minkejja l-weghda espressa tal-kumpens da parti ta’ l-istess Maria Vella;

“Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati kemm-il darba mill-atturi sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi baqghu inadempjenti;

“Talbu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. tiddikjara illi l-atturi rrendew servigi, kuri u assistenzi lil Maria Vella li ghalihom jisthoqqilhom kumpens;

“2. tillikwida l-kumpens gust u xieraq dovut lill-atturi in linea ta’ servigi, kuri u assistenzi resi lil Maria Vella;

“3. tikkundanna lill-konvenuti, bhala eredi tal-mejta Maria Vella, sabiex ihalsu lill-atturi din is-somma ta’ kumpens kif hekk likwidata.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Awwissu elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) kontra l-konvenuti li minn issa huma ngutni ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mary Rose Vella, Carmen mart Rocco Zahra u Guzepp Vella li fiha eccepew:

“1. li ghall-azzjoni odjerna hemm l-ostakolu tal-preskrizzjoni kwinkennali;

“2. li kwalunkwe servigi, kuri u assistenzi li qatt setghu gew rezi saru *“familjaritatis vel pietatis causa”* u ghalhekk m’hemm lok ghall-ebda kumpens;

“3. li minghajr pregudizzju ghall-premess ma gew rezi ebda kuri, servigi jew assistenzi billi Maria Vella kienet mara li kienet tiehu hsieb taghha nfisha;

“4. li minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi gew ampjament ikkumpensati ghal kwalunkwe kuri, servigi u assistenzi li qatt setghu rrendew;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez u bl-ingjunzjoni ta’ l-atturi ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Vella kemm f’ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza ta’ hutu imsefrin Emmanuel Vella, Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo li ddikjaraw:

“1. li huma ma jopponux it-talbiet attrici purche’ il-kumpens dovut lilhom jigi ffissat mill-Qorti;

“2. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha wkoll n-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-atturi;

“Ezaminat ix-xhieda;

“Ikkunsidrat:

“Il-principju predominanti llum accettat fil-gurisprudenza hu illi kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti li gew prestati bi speranza ta’ kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi li jistabilixxu konklussivament il-gratuwita`

anke meta hemm relazzjoni ta’ parentela. Jigifieri, il-presunzjoni ta’ gratuwita` ghal servigi resi fejn hemm vinkolu ta’ parentela giet sostitwita b’wahda ta’ presunzjoni kuntrarja tali li hadd m’hu prezunt illi offra s-servigi tieghu bla hlas, sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat.

“Fil-kawza in dizamina si tratta ta’ bint li qeghdha tazzjona, flimkien ma’ zewgha, lil hutha ghas-servigi resi lil ommha li mietet fit-23 ta’ Jannar 1997, intestata, u li taghha l-kontendenti huma uliedha u eredi. L-atturi qeghdin jippretendu servigi tul iz-zmien li l-omm kienet kostretta tghix fid-dar ta’ residenza taghhom, minn cirka Marzu 1994 sa kemm mietet, fuq parir tat-tobba wara li l-omm kienet giet rimessa mill-isptar. Mill-provi johrog wisq car, nonostante dak li ppruvaw ipingu whud mill-konvenuti, li l-omm, mara anzjana, kienet tbati minn mard tal-qalb u kienet djabetika. Dan l-istat ta’ sahhitha kkonfermah it-tabib kuranti taghha (fol.82 et seq) li stqarr li kien imur jaraha ta’ frekwenti u accerta ‘li kienet timxi b’diffikulta` kbira’ u li kemm dam jikkuraha ma kinitx f’posizzjoni tmur taghmel ix-xirja hi. Hu wkoll sinifikanti, fil-kuntest ta’ l-istat fiziku taghha, dak li xehed l-Arcipriet (fol. 90), u z-zewg qassisin (fol. 92 u 96 rispettivament), li fil-waqt li affermaw l-istat dipendenti taghha, qalu wkoll li kienu jmorru jqarbnuha u jisimghu l-qrar taghha d-dar proprju minhabba li kienet marida.

“Illi l-attrici spjegat is-servigi resi minnha filli qalet li kienet iggibilha l-pilloli mill-isptar, tghinha fil-bzonnijiet taghha billi tahsilha u tlibbisha l-kalzetti u z-zarbun ‘ghax ma kinitx f’posizzjoni li titbaxxa’, tomxtilha xagharha, isajjrilha ikel adatt ghall-istat dijabetiku taghha, tahslilha hwejjigha u tara ghall-bzonnijiet l-ohra taghha, anka tohodha tisma’ il-quddies ta’ nhar ta’ Hadd f’‘Ta’ Pinu’. Spjegat ukoll illi meta kienet tkun xoghol kien ikun ir-ragel li jara ghall-bzonnijiet taghha billi dak iz-zmien zewgha ma kienx jahdem ghajr fir-raba. Dan il-fatt li l-attrici kienet, ghal xi perjodu ta’ sena u nofs matul liema l-omm kienet tghix ghandha, hadmet fil-ghaxijiet u f’okkazzjonijiet rari fil-ghodu wkoll, donnu li ghal uhud mill-konvenuti jikkostitwixxi prova li ggib fix-xejn l-pretensjonijiet ta’ l-

attrici. Dan m'hu minnu xejn, se mai ghandu jitfa' dawl fuq l-istat ekonomiku ta' l-attrici u l-familja taghha li minnu l-Qorti tista' talvolta tinferixxi li s-servigi ma kienux semplicement maghmula *"pietatis vel familiaritatis causa".*

"Imbaghad hemm ix-xhieda tal-konvenut Michael Vella li fis-snin ta' qabel l-omm marret ghand l-atturi kien jiehu hsiebha hu waqt li ghex m'ommu d-dar taghha stess. Hu spjega l-kundizzjoni ta' sahhet l-omm u l-htigijiet u l-bzonnijiet taghha. Sinifikanti hija s-silta hawn riprodotta mix-xhieda tieghu (fol. 27) fejn jghid li:

*"ommi kienet marida b'qalbha u kienet ghamlet ukoll il-pacemaker. Ghaldaqstant jiena kont dejjem nehodha u ngibha mill-isptar b'mod regolari ghax kienet tmur ghall-viziti. Minhabba l-problemi li kellha f'qalbha ommi ma setghetx tistrapazza u konna naghmlulha kwazi kollox ahna, jiena u marti. Ahna konna niehdu hsieb nippreparawlha l-ikel. Minn meta miet missieri, ommi donnha marret lura u ma baqghetx tohrog tant mid-dar. Ghalhekk il-bzonnijiet kont niehu hsieb nixtrihom jien. Meta ma kinitx tkun tiflah, konna nduru biha u niehdu hsieb li nahsluha u nzommuha f'kundizzjoni tajba kemm jista' jkun. Jiena kont niehu hsieb ukoll illi nigbor il-medicina mehtiega ghal ommi mill-isptar kull xahar. F'dak li ghandu x'jaqsam ma' qrar u tqarbin…fl-ahhar snin kienu jigu diversi qassisin id-dar biex jamministrawlha s-sagramenti".*

"Hu ghalhekk verosimili, u hu ndubitat ghal din il-Qorti, li dak li kellha bzonn l-omm dak iz-zmien baqa' jippersisti anka wara u forsi wkoll aktar minn qabel kif johrog wkoll car mill-ahhar paragrafu tad-deposizzjoni ta' dan l-istess xhud (fol. 28).

"Illi huwa minnu, li l-omm kienet tircievi beneficcji socjali li ghas-sena precedenti l-mewt taghha kienu ta' elf seba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm1748) (fol. 131), izda kif qal ix-xhud Vella bihom kienet taghmel xi trid u mkien ma' ssemma' li kienet thallas xi haga jew lil Vella jew lill-atturi.

"Illi da parti tal-konvenuti hemm firda dwar dawk minnhom li jopponu t-talbiet u dawk minnhom li waqt li jirrikonoxxu li kien hemm servigi talbu li l-kumpens jigi ffissat mill-Qorti. L-eccezzjonijiet ta' dawk li jopponu jikkonsistu filli: hemm l-ostakolu tal-preskrizzjoni kwinkwennali; li gew rezi "*familiaritatis vel pietatis causa"* u ghalhekk m'hemm lok ghall-ebda kumpens; li ma setghux gew rezi billi l-omm kienet mara li kienet tiehu hsieb taghha nfisha; li l-atturi gew ampjament kumpensati.

"Illi ghal bosta minn dawn l-eccezzjonijiet l-Qorti gia trattat fuqhom u sabet li l-provi juru mod iehor. Jonqos li titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali u tal-prezunta gratuwita` li dwarha gia accennat aktar 'il fuq. Issa ghal dik li hi l-preskrizzjoni, apparti li ma giex indikat l-artikolu, ghandu jirrizulta wisq car li ma treggix stante li l-provi juru li s-servigi reklamati jkopru l-perjodu bejn Marzu 1994 u l-bidu ta' Jannar 1997 u l-azzjoni giet esperita fis-7 ta' Dicembru 1998, jigifieri, entro l-perjodu tal-hames snin eccepiti. Mill-banda l-ohra u fir-rigward dawk reklamati ghas-sena 1991 din il-Qorti mhux ser tikkunsidrahom ghas-semplici fatt illi m'hemm ebda provi li jsostnuhom. L-istess rigward il-presunzjoni tal-gratuwita` fejn l-Qorti b'zieda ma' dak li gia qalet aktar 'il fuq tghid illi kollox ma' kollox ma tarax li jikkonkorru f'dan il-kaz cirkostanzi tali li jtendu li wiehed jikkonkludi konkludentement li s-servigi kienu ntizi biex jkunu gratuwiti, jigifieri li gew rezi bl-iskop biss *"familiaritatis vel pietatis causa"*.

"Illi bhala kumpens xieraq qeghdha tillikwida u tiffissa s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

"Illi ghalhekk u konsegwenza ta' dak hawn fuq espost il-Qorti taqta' u tiddeciedi:

"1. li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni;

"2. li tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

"3. li tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba qeghdha tiffissa l-kumpens xieraq fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin(LM3,500) li tikkundannha lill-konvenuti li jhalsu lill-atturi, jigifieri, kull wiehed u wahda mill-konvenuti, fis-sehem ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

"4. tordna li l-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuti."

**<u>L-Appell tal-konvenuti aktar 'l fuq indikati.</u>**

2.1 L-appellanti konvenuti proprio et nomine hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u interponew appell minnha fuq sensiela ta' aggravji li jistghu jigu sintesizzati hekk:

"(i) il-konvenuti Angelo Vella u Rita Bartolo qatt (ma) inkarigaw lill-konvenut Michael Vella bhala l-mandatarju taghhom f'din il-kawza. Dan Michael Vella tharrek mill-atturi f'din il-vece u dan spicca biex m'opponiex ghat-talbiet attrici meta huma minn dejjem kienu u ghadhom jopponu;

"(ii) ghalkemm hu minnu li ma ccitawx l-artikolu dwar il-preskrizzjoni – dan kellu jkun l-Artikolu dwar il-preskrizzjoni – dan kellu jkun l-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili, jigifieri l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin.

"(iii) l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita* ghax iddecidiet il-kawzali diversa minn kif dedotta fic-citazzjoni;

"(iv) l-atturi qatt ma ppretendew hlas u ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti inghatat fuq prezunzjoni zbaljata;

"(v) sar apprezzament zbaljat tal-provi li kienu juru li ma kienx minnu li gew rezi servigi mill-atturi, li kienu okkupati f'xoghol iehor barra minn darhom.

"(vi) il-gudizzju mhux integru billi l-konvenuti imsefrin Angelo Vella u Rita Bartolo qatt ma gew notifikati bic-citazzjoni u ghalhekk qatt ma kienu parti fil-kawza."

2.2. Ma jidhirx mill-atti tal-process li gie intavolat ukoll appell f'isem il-konvenut Michael Vella f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh Emanuel Vella.

2.3. ma jidhirx lanqas mill-atti li dahlet ir-risposta min-naha tal-appellati atturi ghar-rikors ta' appell tal-konvenuti proprio et nomine.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

3. Ghall-fini ta' praticita` jkun utli li l-ewwel nett jigu mistharrga l-ewwel u s-sitt aggravji kif hawn fuq elenkati rigwardanti l-allegazzjoni da parti tal-konvenuti Angelo Vella u Rita Bartolo li:

(i) huma ma taw ebda mandat biex il-ko-konvenut Michael Vella jidher fil-kawza f'isimhom ukoll; u

(ii) li huma qatt ma gew notifikati bl-atti tal-kawza;

4. Minn ezami tal-atti jirrizulta li fl-att tac-citazzjoni l-konvenut Michael Vella tharrek sija f'ismu proprju "kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu imsefrin Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo". In-notifika sehhet fit-18 ta' Jannar 1999 (ara fol. 2, a tergo). Fl-istess kwalita`, l-imsemmi Michael Vella ipprezenta u halef l-eccezzjonijiet tieghu in data tat-8 ta' Frar 1999 (fol. 15 u 16). Jirrizulta li dan Michael Vella baqa' jidher proprio et nomine almenu sad-data li nghatat is-sentenza appellata jigifieri fl-14 ta' Dicembru 2005, ftit anqas minn sitt snin wara l-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet li saret ghan-nom ukoll ta' Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita Bartolo ukoll, kif fuq jissemma'.

5. Kien permezz tar-rikors tal-appell li gie pprezentat fit-3 ta' Jannar 2006 li l-appellanti konvenuti Angelo Vella u Rita Bartolo qanqlu ghall-ewwel darba – fi stadju ta' appell – din il-pregudizzjali ta' nuqqas ta' notifika b'riferenza ghalihom u l-assenza ta' mandat da parti taghhom lil Michael Vella biex dan il-konvenut jidher ghalihom f'din il-procedura. Ir-rikors ta' l-appell gie ffirmat

mill-Avukat Dr. Grazio Mercieca li sa mill-bidunett kien qed jidher ukoll ghall-konvenuti Mary Rose Vella, Carmena mart Rocco Zahra u Guzepp Vella. Jinghad ukoll li b’nota li ggib l-istess data tat-3 ta’ Jannar 2006 (fol. 5 tal-atti tal-appell), il-konvenuta Mary Rose Vella assumiet l-atti bhala mandatarja tal-imsefrin Angelo Vella u Rita Bartolo, minflok Michael Vella. Wara li gie pprezentat ir-rikors ta’ appell u n-nota msemmija, il-ko-appellanti Mary Rose Vella mietet u saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju. B’verbal datat it-28 ta’ April, 2008, gie *inter alia* registrat hekk (ara fol. 29, atti fl-appell).

“… … … Ghal precizjoni Dr. Grazio Mercieca qed jidher biss ghall-konvenuti Mary Rose Vella u l-eredi taghha li qed tagixxi f’dan l-appell f’isimha proprju u ghal Angelo Vella u Rita Bartolo.

“Dr. Grazio Mercieca qed jidher ukoll ghal Karmena Zahra u Joseph Vella.

“Id-difensuri tal-partijiet fissru li ghal Michael Vella kienet dehret quddiem l-ewwel Qorti l-Avukata Dr. Georgina Scicluna.”

6. Meta din il-Qorti, wara li saret it-trattazzjoni tal-appell, halliet dana l-appell ghas-sentenza, hija rriskontrat numru ta’ ostakoli ghal fini tal-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk hija zammet lura milli taghti s-sentenza u minflok tat digriet fl-4 ta’ Lulju 2008, li fih talbet kjarifikazzjonijiet ulterjuri guramentati min-naha kemm tal-atturi kif ukoll min-naha tal-konvenuti pro et nomine.

7. Din il-Qorti, wara li hadet kont ta’ dak li kellhom xi jghidu l-partijiet, ikollha tikkonfessa li b’dak li rrizultalha sabet li l-“kobba procedurali” kienet aktar imhabbla milli kienet fil-fatt tistenna.

Minn dak li gie ddikjarat taht gurament jirrizultalha li:
(i) il-konvenut Angelo Vella ikkonferma (ara Dok. AV fol. 45, atti fl-appell) li huwa <u>qatt ma awtorizza lill-konvenut huh Michael Vella</u> biex jidher bhala kuratur jew mandatarju tieghu f’din il-kawza;

(ii) li bl-istess mod (ara Dok RB, fol. 46) il-konvenuta Rita Bartolo tikkonferma li hija wkoll qatt ma inkarigat lill-konvenut Michael Vella biex jidher ghaliha f'din il-kawza;

(iii) b'nota guramentata tal-24 ta' Lulju 2008 (fol. 37, dejjem tal-atti tal-appell), l-imsemmi Michael Vella kkonferma bil-gurament li lilu hadd ma spjegalu "illi huwa gie mharrek u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet bhala mandatarju ta' hutu Emanuel Vella, Angelo Vella u Rita Bartolo", anzi huwa "jikkonferma illi huwa lanqas biss kif jaf bih (sic) personalment, u ghalhekk la qatt informahom bl-ezistenza ta' din il-kawza, u lanqas ma talab xi awtorizzazzjoni minghandhom sabiex ikun jista' jagixxi f'isimhom";

(iv) mitluba tispjega ezattament il-posizzjoni professjonali taghha – darba li hija ffirmat in-nota tal-eccezzjonijiet f'isem il-konvenut Michael Vella proprio et nomine u mbaghad spiccat tidher anke ghan-nom tal-attrici (!), l-Avukata Georgina Scicluna Bajada tispjega li hija bdiet tipprattika fl-istess ufficcju mal-Avukat Dottor Chris Said (li dakinhar kien qed jidher ghall-atturi) u "bi zvista" ma kenitx irrinunzjat ghall-patrocinju ta' xi klijenti li kellha qabel fejn seta' kien hemm konflitt ta' interess. Pero` tghid li taf fic-cert li Michael Vella, f'ismu u f'isem hutu li kien qed jirrapprezenta, ma riedx jopponi ghat-talba attrici;

(v) In kontroezami fit-23 ta' Jannar 2009[1], l-imsemmi Michael Vella, wara li jerga' jenfasizza li kien bniedem illitterat, jghid li l-konvenuti Angelo Vella u Rita Bartolo qatt ma kienu awtorizzawh biex jidher ghalihom f'din il-kawza, anzi, fuq suggeriment tal-avukata tal-kontroparti, huwa sahansitra jghid: "forsi hadt gurament falz" – (fol. 63).

8. Issa apparti t-tahwid perturbanti u palpabbli li jemergi mid-depozizzjoni moghtija minn Michael Vella, il-

[1] Kontro-ezami kondott mill-Assistent Gudizzjarju Dott. Aaron Attard Hili – ara verbal tat-12 ta' Jannar 2009.

Qorti tinnota inoltre zewg punti li, fil-fehma taghha, huma ta' rilevanza ghar-rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni, jigifieri:

(i) Li mill-atti minn imkien ma jirrizulta x'kienet ir-raguni li gieghel lill-atturi appellati biex iharrku mill-ewwel lill-konvenut Michael Vella "Kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu msefrin Emanuel Vella, Angel Vella u Rita mart Joseph Bartolo" (ara att tac-citazzjoni, *a tergo*). Trattandosi hawn ta' fatt ta' persuni assenti fit-tul, il-procedura normalment titlob li jsiru rikorsi b'talba gha-nomina ta' kuraturi deputati.

(ii) Fit-tieni lok, li kieku hemm xi prova inekwivoka tal-ezistenza ta' tali mandat, allura ma kien ikun hemm xejn x'wiehed jiddiskuti, imma tali prova mhux biss ma tirrizultax, imma lanqas ma nghatat spjegazzjoni cara u tonda ghall-kwezit espress li din il-Qorti ghamlet lill-atturi fid-digriet taghha tal-4 ta' Lulju 2002 surreferit. F'dak id-digriet (ara para (ii)) insibu (*inter alia*) hekk:
"li bl-istess mod jigi indikat bil-gurament mill-atturi x'gieghelhom iharrku lill-konvenut Michael Vella sabiex dan jidher ukoll ghan-nom tal-imsefrin Angelo Vella, Rita Bartolo u Emanuel Vella."

Din il-kjarifika rikjesta mill-Qorti baqghet ma saritx. Minflok, l-atturi intavolaw rikors b'talba biex jaghmlu kontro-ezami ulterjuri lil Michael Vella (fol. 39) u nota b'dikjarazzjoni mehmuza maghha rilaxxjata minn Dr. Georgina Scicluna Bajada. Issa huwa minnu li din l-avukata Scicluna Bajada – illum imsiefra – tidher li ffirmat dikjarazzjoni li m'hijiex la guramentata u lanqas awtentikata kif suppost (fol. 43), liema dikjarazzjoni gietipprezentata mill-avukata tal-atturi Dr. Angele Formosa u li fiha, kif gia` nghad, hemm accenn ghas-suppost mandat moghti lil Michael Vella mill-konvenuti li kienu msefrin – imma xorta wahda jibqa' l-fatt li *se` mai* din Dr. Scicluna Bajada agixxiet wara li kienet gia` giet intavolata c-citazzjoni da parti tal-atturi, u li xorta wahda dak li gew mitlubin jaghmlu u jaghtu bi spjegazzjoni l-atturi baqghu m'ghamluhx. Il-fatt, imbaghad, li l-konvenut Michael Vella – persuna li *ex admissis* – qieghed jikkoncedi li "forsi ha gurament falz" – ghadda biex ammetta wkoll formalment it-talbiet attrici in kwantu diretti kontrieh u kontra dawk li

huwa suppost kien qieghed jirrapprezenta, ikompli aktar jaghti lok ta’ suspett (ara nota ta’ eccezzjonijiet, a fol 5-6 tal-process) milli serhan il-mohh. Fic-cirkostanzi ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha takkolji l-pregudizzjal sollevat mill-konvenuti Angelo Vella u Rita Bartolo u dan billi tghaddi ghar-revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fl-14 ta’ Dicembru 2005 fl-ismijiet premessi, u tirrimetti l-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, sabiex, okkorrendo l-legittimazzjoni tal-atti tal-kawza skond kif titlob il-ligi, u wara li jigu debitament notifikati u mismugha l-partijiet kollha fil-kawza, dik l-istess Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza skond ma jirrizultalha mill-provi.

Tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tintbaghat lill-Avukat Generali biex prevja l-accertamenti u investigazzjonijiet mill-Pulizija Ezekuttiva, l-awtorita` kompetenti tiddeciedi jekk hemmx lok li jittiehdu proceduri kriminali ghal gurament falz jew ghal xi reat iehor fil-konfront ta’ Michael Vella, residenti f’numru 186A, Trid San Blas, Nadur, Ghawdex. Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja kif ukoll lis-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati ghal kull azzjoni li jista’ jidhrilhom opportuna.
L-ispejjez tal-kawza relativi ghal dan l-appell jibqghu bla taxxa, dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu pendenti sakemm il-kawza tigi finalment deciza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------